# IL-FRATELLANZI TAS-SNAJJA'

Lorenzo Zahra

Fil-knisja parrokkjali kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu l-Belt Valletta wieħed jista' josserva l-kappelli bl-altari tagħhom li dari kienu jiffurmaw parti mill-ħajja soċjali tagħna. Dan għax kienu jappartjenu lill-fratellanzi marbutin mal-mestier ta' l-imseħbin.

B'hekk naraw il-kappella ta' San Mikiel li dari kellha fratellanza mwaqqfa fl-1644, l-aktar għal dawk li kienu jinnegozjaw fil-laħam u l-ħaxix, għalhekk il-miżien kien l-emblema tagħhom. Naraw il-kappella ta' San Martin bil-fratellanza mwaqqfa fl-1620 li kien patrun tal-ħaddiema tal-lukandi u ħwienet ta' l-ikel. Fis-sena 1611 twaqqfet il-fratellanza ta' Sant Omobonu li kienet tiġbor fiha l-ħajjata u l-bejjiegħa tal-ħwejjeġ. Grupp ieħor kien dak ta' l-arġentiera li kienu miġbura fil-fratellanza ta' Sant Elena imwaqqfa fl-1607. L-iskrapan kienu fi fratellanza taħt il-protezzjoni ta' San Krispin u San Krispinjanu. Fi knejjes oħra hemm fratellanzi oħra, bħal ngħidu aħna, f'Santu Wistin kien hemm fratellanza ta' San Kristofru għall-ħaddiema tal-ġarr li twaqqfet fl-1634. Fil-knisja ta' San Franġisk, fl-1635 twaqqfet dik tat-tobba taħt il-protezzjoni ta' San Kosma u San Damjan. Saħansitra l-barbiera kellhom il-fratellanza tagħhom li twaqqfet fl-1797 li għal bidu kienet fil-knisja tal-Ġiżwiti taħt il-protezzjoni ta' San Luigi re ta' Franza. Fratellanza oħra kienet dik tal-baħħara bi protettur tagħha San Franġisk de Paola, annessa mal-knisja ta' Santa Luċija.

Il-barklori kellhom fratellanza fil-knisja ta' Santa Tereża f'Bormla u fil-parroċċa kien hemm dik ta' Sant Andrija għas-sajjieda. Fl-Isla, il-fratellanza tal-Madonna tal-Ħniena, msejħa Tal-Karita għall-iskjavi u servjenti. Fil-Birgu kien hemm dik ta' San Ġużepp għall-mastrudaxxi, u l-kurdara kellhom dik ta' Santa Katarina. F'Għawdex, fil-knisja ta' San Ġorġ kien hemm tal-ħwienet u l-bejjiegħa fil-fratellanza ta' San Mikiel. Fi żmien l-Ordni, il-Gran Mastru kien jista' jżid ir-rappreżentanti tas-snajja' fil-kunsill; Perellos kien żied tal-landiera.

Ta' nteress hu l-fatt li, meta kellna t-tmexxija ta' l-Universitas bil-kunsill, għal kull sena' kien ikun hemm konslu biex jista' jagħti parir dwar min jista' jingħata liċenzja f'dik is-sena' partikolari. B'eżempju nafu li Nettu Cristoforo tal-fratellanza ta' Sant Omobono tal-Birgu li kien jirrappreżenta t-tlitt ibliet ried jagħti permess lil ċertu Adamo jiftaħ ħanut ta' ħajjat; l-imħallef tal-kriminal kien oġġezzjona għax dan Adamo kien jaħdem ma' Nettu u ried jissuġġetah għal eżami għand Ċensu, l-konslu tal-fratellanza tal-Belt Valletta. Dan ġara fl-1804 meta kienet għadha tibda l-ħakma Ingliża. Mhux ta' min jinsa li l-konsli tas-snajja' Maltin kienu jmorru Sqallija għall-laqgħat dwar il-mestjeri tagħhom.